**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 26 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 1379/01 AJD**

**Youssef Mbarek**

**vs**

**Adel Elamrasi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900.00) rapprezentanti xoghol ta' kisi u tibjid li sar fuq inkarigu tal-konvenut gewwa fond fin-Naxxar, liema xoghol gie ezegwit f'Marzu, 2001.
Bl-ispejjez, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta'  disa' mitt lira Maltin.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**